**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq l-Income - Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**(Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa – Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 27/2020VG**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Leonard Edward Perkins**

**Illum 6 ta 'Diċembru 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Leonard Edward Perkins fit-13 ta 'Marzu 2020 permezz ta 'liema jitlob li t-Tribunal jannulla kwalunkwe stimi jew taxxi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta 'stima 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017, kif ukoll kwalunkwe taxxa addizzjonali u interessi, u dana billi ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi, bl-ispejjeż kontra l-istess Kummissarju tat-Taxxi;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta 'liema jopponi għat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, stante li: (i) in linea preliminari l-appell tar-Rikorrent huwa rritu u null in kwantu l-ġbir ta 'taxxa, bħal kwalunkwe dejn ieħor, huwa regolat mill-Liġi Ċivili u l-kompetenza ta 'dan it-Tribunal ma tistax tiġi estiża għal vertenza odjerna li ma tirreferi għal ebda punt tekniku jew amministrattiv; (ii) in linea perliminari ukoll, il-Kummissarju tat-Taxxi f'dan l-istadju jgawdi titolu eżekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent fuq l-ammont pretiż u m'għadx hemm rimedju fir-rigward; (iii) il-Kummissarju tat-Taxxi għadda għall-ġbir ta 'ammont ta 'taxxa li kien finali u konklussiv ai termini ta 'l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta u dana billi ħareġ Avviż ta 'Talba ai termini ta 'l-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta. Għalkemm dan l-Avviż ta 'Talba ġie notifikat lir-Rikorrent huwa naqas milli jikkontesta l-istess entro t-terminu taħ 'mistax-

il ġurnata mid-data tan-notifika u għaldaqstant illum l-Kummissarju tat-Taxxi għandu titolu eżekuttiv ai termini ta 'l-Artikolu 40 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta ' Malta. Ir-Rikorrent ġie avżat ukoll li kemm-il darba ma jottemperax ruħu, il-Kummissarju tat-Taxxi kien ser jgħaddi għall-ħruġ ta 'l-Ittra Uffiċjali opportuna ai termini tal-Liġi; (iv) ir-Rikorrent issa ma jistax jikkontesta l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 648/2020 li l-uniku skop tagħha huwa li tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv vantat mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta 'l-istess Rikorrent; (v) fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju, it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kont maħruġ fil-konfront tiegħu jirreferi għal stimi (*assessments*) maħruġa b'referenza għas-snin ta 'stima 2012, 2013, 2014 u 2015, fir-rigward ta 'liema ma saret l-ebda oġġezzjoni, u għal *estimations* maħruġa b'referenza għas-snin ta 'stima 2016 u 2017 wara li r-Rikorrent naqas milli jibgħat il-prospetti ta 'l-*income* tiegħu għal dawn is-snin ta 'stima, liema obbligu għadu fis-seħħ b'referenza għall-istess imsemmija snin ta 'stima 2016 u 2017 ai termini ta 'l-Artikolu 10 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta;

Ra li fis-seduta tal-21 ta 'Lulju 2020[1], il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal jittratta u jiddetermina l-kwistjonijiet preliminari sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-eċċezzjonijiet tiegħu, qabel ma jittratta r-Rikors promotur fil-mertu;

Ra l-affidavit ta 'Emanuel Mangion u d-dokumenti anness miegħu markati Dok. "EM1" u Dok. "EM2" esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta 'Nota ippreżentata fit-8 ta 'Frar 2021 a fol. 19 sa '23 tal-proċess u sema 'x-xhieda ta ' Marica Cutajar mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta 'Marzu 2021[2];

Ra li fis-seduta tat-12 ta 'Lulju 2021[3], l-istadju tal-provi tar-Rikorrent fir-rigward tal-kwistjonijiet preliminari ġie dikjarat magħluq;

Ra l-atti tal-kawża;

## Ikkonsidra:

In segwitu għan-notifika ta 'l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 648/2020 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi, ir-Rikorrent istitwixxa l-proċeduri odjerni permezz ta 'liema qed jitlob li t-Tribunal jannulla kwalunkwe stimi jew taxxi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta 'stima 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017, kif ukoll kwalunkwe taxxa addizzjonali u interessi, u dana billi ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi. Bl-imsemmija Ittra Uffiċjali l-Kummissarju tat-Taxxi interpella lir-Rikorrent iħasslu s-somma komplessiva ta '**€133,491** rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u imgħaxijiet għas-snin ta 'stima 2012, 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017, iżda r-Rikorrent jikkotendi li tali ammont

[1] Fol. 15 tal-proċess.
[2] Fol. 30 tal-proċess.
[3] Fol. 33 tal-proċess.

komplessiv ma huwiex dovut minnu stante li fis-snin ta 'stima in kwistjoni huwa ma kienx jaħdem hawn Malta iżda kien jirrisjedi u jaħdem barra minn Malta u id-dħul tiegħu ma kienx taxxabbli Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi da parte tiegħu jikkontesta t-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tiġi miċħuda u dana billi: (i) in linea preliminari l-appell tar-Rikorrent huwa rritu u null stante li t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-vertenza odjerna in kwantu ma tirreferi għal ebda punt tekniku jew amministrattiv; (ii) li linea preliminari wkoll, il-Kummissarju tat-Taxxi issa jvanta titolu eżekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent u għaldaqstant l-istess Rikorrent ma fadallu l-ebda rimedju ieħor. Huwa ġie notifikat b'Avviż ta ' Talba ai termini ta 'l-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta iżda għażel li ma jikkontestahx entro t-terminu lilu prefiss taħ 'mistax-il ġurnata min-notifika, u minflok għażel li jikkontesta biss l-Ittra Uffiċjali maħruġa fil-konfront tiegħu li għandha l-iskop uniku li tirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv vantat kontrih mill-Kummissarju; (iii) fi kwalunkwe każ it-talba tar-Rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt: il-kont maħruġ fil-konfront tar-Rikorrent jikkonsisti fi stimi (*assessments*) maħruġa kontra tiegħu għas-snin ta 'stima 2012, 2013, 2014 u 2015, fir-rigward ta 'liema ma saret l-ebda oġġezzjoni, u f'*estimations* għas-snin ta 'stima 2016 u 2017 wara li r-Rikorrent ma issottomettiex il-prospetti ta 'l-*income* tiegħu kif kien obbligat jagħmel, liema obbligu għadu fis-seħħ b'referenza għall-imsemmija snin ta 'stima 2016 u 2017 ai temrini ta 'l-Artikolu 10 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta.

In vista ta 'l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi dwar in-nuqqas ta 'kompetenza ta 'dan it-Tribunal biex jittratta u jiddetermina l-vertenza odjerna, il-partijiet kontendenti qablu li tingħata deċiżjoni fir-rigward qabel ma r-Rikors promotur jiġi trattat fil-mertu. Għaldaqstant din id-deċiżjoni hija limitata għall-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta 'kompetenza tat-Tribunal.

Il-kompetenza ta 'dan it-Tribunal f'materji ta 'Taxxa dwar l-Income hija determinata mill-Artikoli 34 u 35 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta, senjatament mill-Artikolu 34(1)(2) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta, illi jipprovdi li: *(1) It-Tribunal ta Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, hawn iżjed l quddiem imsejja" ħit-Tribunal", għandu jkun kompetenti biex jisma u jaqta appelli skond id-disposizzjonijiet ta l-artikolu 35. (2) It-Tribunal ta Reviżjoni Amministrattiva għandu jaqdi dawk id-dmirijiet tiegħu hekk assenjati lilu skond dan l-Att* **u** mill-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta, illi jipprovdi li: *(1) Kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif maħsub fis-subartikolu (4) ta l-Artikolu 33 tista tagħmel, fi żmien tletin ġurnata wara d-data tan-notifika lilha ta avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta Reviżjoni Amministrattiva.*

Minn dan il-provvedimenti tal-Liġi u b'mod partikolari mill-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta b'mod ċar li dan it-Tribunal huwa kompetenti biex jisma', jittratta u jiddetermina appelli minn stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' taxpayer meta ma jkunx intlaħaq ftehim bejniethom in segwitu għall-istadju ta' oġġezzjoni kif provdut fl-Artikolu 33 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

Apparte minn hekk il-kompetenza tat-Tribunal hija ulterjorment regolata b'dak provdut fl-Artikolu 36 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *id-disposizzjonijiet li ġejjin għandu jkollhom effett għall-finijiet ta kull appell magħmul taħt l-artikolu 35: (a) it-Tribunal għandu sommarjament jiċħad kull appell quddiemu għal xi sena ta stima u jikkonferma l-istima li dwarha jsir l-ilment kemm-il darba ma tinġiebx quddiemu prova prima facie li, sad-data li fiha jkun sar l-appell, l-appellant ikun ippreżenta taħt l-Artikoli 10 u 11 prospett ta l-income taxxabbli tiegħu għall-imsemmija sena ta stima; (b) minkejja d-disposizzjonijiet ta l-artikolu 34(7), meta l-istima li dwarha jsir l-ilment tkun saret mill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet ta l-Artikolu 30(1)(b) jew (2) jew (3), jew ta l-artikolu 31(5), ebda prova ma għandha titqies mit-Tribunal bħala li tkun suffiċjenti sabiex tippermetti xi tibdil fl-istima dwar dak l-income kemm-il darba l-persuna li tappella kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma tippreżentax mingħajr xi skuża raġonevoli r-records, dokumenti, kontijiet jew data elettronika skond il-proviso għall-artikolu 31(5); (ċ) il-Kummissarju jista f kull żmien matul is-smigħ ta l-appell jitlob id-dikjarazzjoni mit-Tribunal dwar jekk l-appell għandux jiġi miċħud u l-istima li dwarha jsir l-ilment tiġi konfermata skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) jew (b).*

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, senjatament mill-affidavit ta ' Emanuel Mangion[4], jirriżulta li:

- Għas-snin ta' stima 2012, 2013, 2014 u 2015, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ stimi, ossia *assessments*, fil-konfront tar-Rikorrent wara li huwa naqas milli jissottometti l-prospetti ta' l-*income* tiegħu għal dawn is-snin ta' stima. Ir-Rikorrent ġie notifikat b'dawn l-istimi iżda huwa ma oġġezzjonax mill-istess u għaldaqstant saru finali u konklussivi. Dak affermat minn Emanuel Mangion dwar is-snin ta' stima 2012, 2013, 2014 u 2015 ma ġie bl-ebda mod kontestat jew kontradett mir-Rikorrent, in kwantu lanqas ressaq provi fir-rigward tal-kwistjonijiet preliminari sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxi;
- Għas-snin ta' stima 2016 u 2017, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ stimi, ossia *estimations*, ai termini ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu r-Rikorrent ma ssottomettiex il-prospetti ta' l-*income* tiegħu għall-imsemmija snin ta' stima. Dan il-fatt ukoll, għar-

[4] Fol. 20 u 21 tal-proċess.

raġuni già mogħtija iktar 'l fuq, ma ġiex kontestat jew kontradett mir-Rikorrent.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti jiġi osservat illi l-istimi għas-snin ta' stima 2012, 2013, 2014 u 2015, in kwantu stimi oriġinali li minnhom ma saritx oġġezzjoni skond il-Liġi, illum jikkostitwixxu stimi finali u konklusivi fir-rigward ta' liema t-Tribunal ma għandu l-ebda kompetenza stante li huma titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Għall-finijiet ta' din l-osservazzjoni ssir referenza għall-Artikolu 38 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *meta ebda oġġezzjoni valida jew appell ma jkunux ġew imressqin fiż-żmien stabbilit f'din it-Taqsima kontra stima jew ordni dwar l-ammont ta' income taxxabbli stabbilit b'dik l-istima jew dwar ir-rebate ta' taxxa mogħti skond l-artikolu 57 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew meta l-ammont ta' l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa jkun sar ftehim fuqu taħt l-artikolu 33(4), jew meta l-appell ikun ġie rtirat jew ċedut, jew meta l-ammont ta' dak l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa jkun ġie deċiż fuq oġġezzjoni jew appell, l-istima jew l-ordni kif magħmula jew miftehma jew deċiża f'appell, skond il-każ, tkun finali u konklużiva għall-finijiet kollha ta' dan l-Att dwar l-ammont ta' dak l-income taxxabbli jew rebate ta' taxxa: Iżda ebda ħaġa f'din it-Taqsima ma iżżomm lill-Kummissarju milli jagħmel xi rifużjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 jew xi stima addizzjonali għal xi sena ta' stima li ma jimplikax li tinfetaħ xi kwistjoni li tkun ġiet deċiża fuq appell għas-sena.* Issir referenza wkoll għall-Artikolu 40 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: *Dan li ġej jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Orgnaiżazzjoni u Proċedura Ċivili, jiġifieri: … (ċ) l-istima finali u konklużiva jew l-ordni msemmija fl-Artikolu 38 … Iżda ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (f), il-proċedura stabbilita fl-artikoli 44(1)(b) jew 44(2A)(ċ) għandha tiġi mħarsa fil-każijiet kollha qabel ma jiġi nfurzat il-ħlas bis-saħħa ta' dak it-titolu.* L-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fl-2018, ossia ż-żmien meta l-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ Avviż ta 'Talba[5] fil-konfront tar-Rikorrent, kien jipprovdi li: *il-Kummissarju għandu jinnotifika avviż ta' talba lill-perunsa li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi biex jesegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.*

Huwa evidenti għalhekk li una volta stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi ssir finali u konklusiva u b'hekk titolu eżekuttiv tal-Kummissarju fil-konfront tat-taxpayer, il-kwistjoni bejn il-Kummissarju t-taxpayer tidħol fl-istadju tal-ġbir tat-taxxa dovuta, stadju dan li ma jaqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal iżda, se mai u fiċ-ċirkostanzi kongruwi u opportuni, taħt il-

[5] Dok. "EM1" a fol. 22 tal-proċess.

kompetenza tal-Qrati Ċivili hekk provdut fl-Artikolu 47 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istimi, ossia *estimations*, li nħarġu fil-konfront tar-Rikorrent għas-snin ta ' stima 2016 u 2017, inħarġu, kif già ngħad iktar 'l fuq, ai termini ta 'l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-provvediment tal-Liġi, jipprovdi li: *meta persuna ma tkunx bagħtet prospett ta' l-income għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena susseġwenti u ma tkunx għamlet għażla taħt l-artikolu 12 jew, għalkemm tkun għamlet għażla bħal dik hija, wara li jkun ingħatalha avviż mill-Kummissarju sabiex tagħmel prospett kif provdut fl-artikolu 13 tonqos milli tippreżenta l-prospett, u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna tkun suġġetta għall-ħlas tat-taxxa, huwa jista' jiddetermina l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima fuq il-bażi ta' kalkolu li jsir b'dak il-mod u b'dak il-metodu kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq mingħajr preġudizzju għal xi responsabbiltà xort' oħra mġarrba minn dik il-persuna minħabba fin-nuqqs jew it-traskuraġni tiegħu li jibgħat prospett.* Ai termini ta 'l-Artikolu 31(9) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta 'Malta, stima ossia *estimation* maħruġa ai termini tas-subartikolu (3) ta 'l-imsemmi artikolu tal-Liġi, m'għandiex tittieħed bħala stima għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa. Dan ifisser għalhekk li d-determinazzjonijiet/*estimations* a tenur ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta għas-snin ta' stima 2016 u 2017 magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent ma humiex appellabbli quddiem it-Tribunal in kwantu ma humiex u ma jistgħux jitqiesu bħala stimi għall-finijiet u effetti kollha ta 'l-Atti dwar it-Taxxa.

Minn dan kollu osservat jirriżulta li r-Rikorrent ma setgħax jipproponi l-proċeduri odjerni quddiem dan it-Tribunal in kwantu tħares minn fejn tħares lejhom dawn ma jaqgħux entro l-kompetenza tiegħu.

B'żieda ma 'dan kollu s'issa osservat, it-Tribunal josserva ulterjorment illi għalkemm l-Artikolu 741 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta llum jipprovdi li*: l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata ... (b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha: Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:..*, ma jarax kif f'dan l-istadju tal-proċess ta' ġbir ta' taxxa t-talba tar-Rikorrent kif minnu impostata fir-Rikors promotur għandha tiġi trasferita lil oħra kompetenti. Jiġi ribadit li r-Rikorrent qed jikkontesta pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li tikkonisti fi u hija ibbażata fuq: (i) stimi għas-snin ta ' stima 2012, 2013, 2014 u 2015 li llum huma finali u konklussivi; **u** fuq (ii) stimi għas-snin ta 'stima 2016 u 2017 li huma *estimations* peress li l-istess Rikorrent ma ssottomettiex il-prospetti ta 'l-*income* tiegħu għall-imsemmija snin ta 'stima u ma jirriżultax li dawn ġew hekk sottomessi fil-mori tal-proċeduri.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal iqis li l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta 'u jiddeċiedi billi jilqa 'l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent kif minnu avvanzata bir-Rikors ippreżentat fit-13 ta 'Marzu 2020, jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta 'l-istess imsemmi Rikors.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tar-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**